MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2009

Avviz Numru. 8/2009

**Reuben Aquilina**

**-vs-**

**Andreluna Limited u Charles Cordina**

Il-Qorti;

Rat it-talba li ghamel l-attur fejn qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ sebat elef euro (€7,000) rapprezentanti xoghlijiet maghmula ghas-socjeta’ konvenuta fuq ordnijiet li saru direttament minn Charles Cordina.

Rat li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bit-talba gudizzjarja baqghu ma pprezentaw l-ebda twegiba u lanqas dehru fis-seduta tat-3 ta’ April 2009 u llum.

Semghet lill-attur jixhed u jikkonferma li llum hi dovuta s-somma ta’ sitt elef hames mija u hamsa u sebghin euro u

sebgha u ghoxrin centezmu (€6,575.27), verzjoni li ma giet kontradetta minn hadd. Spjega wkoll kif kien jiehu l-ordnijiet direttament minghad il-konvenut Charles Cordina li kien semmielu wkoll lill-kumpannija konvenuta, pero' qatt ma qallu li ma kienx responsabbli personalemnt ghall-ordnijiet li kien qieghed jaghmel. Inoltre l-pagamenti saru dejjem minn Charles Cordina fi flus kontanti.

Qieset ukoll li l-konvenuti naqsu milli jidhru biex iwiegbu u jikkontestaw il-kapitolu li gie prezentat fis-seduta tat-3 ta' April 2009 u li kien gie approvat mill-qorti.

**Ghal dawn il-motivi peress li t-talba ta' l-attur hi gustifikata, fic-cirkostanzi tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt elef hames mija u hamsa u sebghin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€6,575.27) u bl-imghax kif mitlub.**

**Spejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------